MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Numru 1/2005

Fl-atti tal-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri, illi permezz taghha ghamel denunzja fis-sens ta' l-Artikolu 21 ta' l-Att V11 tal-2002 dwar il-Probation.

Il-Qorti rat in-Nota tal-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri tas-26 ta' Mejju, 2004 li permezz taghha infurmat lill-Qorti :

1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Kevin Sammut;
2. Illi matul is-sessjonijiet fl-Ufficcju tal-Probation hareg il-fatt illi huwa kien qed igib ruhu b'mod aggressiv mal-membri tal-familja konjugali tieghu. Minhabba f'dan huwa inghata direttiva mill-Ufficjal tal-Probation sabiex jibda jattendi sessjonijiet ta' trattament permezz tal-Programme for Male Perpetrators fi hdan l-Appogg;
3. Illi huwa gie mgharraf mill-Ufficjal tal-Probation li l-attendenza tieghu f'dan il-programm ser tigi ccekjata. Dan sar sabiex jigi assigurat li qed isir progress u jigi

accertat li huwa ma jkunx qed joffri periklu ghal ta' madwaru;
4. Illi minn kuntatt li sar bejn l-Appogg u l-Ufficju tal-Probation fis-26 ta' Mejju 2004 hareg il-fatt li huwa ma attendiex ghal dawn l-ahhar erba' sessjonijiet ta' dan il-programm, darbtejn minnhom minghajr pre-avviz;
5. Illi huwa ghalhekk naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega;

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, Mariella Camilleri thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Mejju, 2004, tal-10 ta' Gunju, 2004 u tad-29 ta' Awissu, 2005;

Rat ir-risposta ta' Kevin Sammut tad-9 ta' Gunju, 2004;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Semghet dak li kellhom xi jghidu l-Ufficjal tal-Probation, is-Supretendent Pierre Calleja u Dr Herrera ghal Kevin Sammut.

Illi irrizulta mill-provi li kienet mart Kevin Sammut li kienet gibdet l-attenzjoni ta' Mariella Camilleri, l-Ufficjal tal-Probation, ghall-fatt illi zewgha kien qieghed ikun aggessiv maghha u ma uliedha.

Illi jidher illi dan il-komportament da parti ta' Kevin Sammut waqaf u irrizulta wkoll illi ghalkemm Kevin ma kienx jattendi ghal xi sessjonijiet tal-programm ghal "male perpetrators" mal-Agenzija  Appogg, huwa rega beda l-programm u itterminah b'success.

Illi irrizulta wkoll illi l-agressjoni ta' Kevin Sammut ma kienitx dovuta ghal xi dipendenza jew abbuz minn droga jew minn alcohol, izda kienet dovuta ghal "lack of coping skills" tieghu fejn kien jidhol id-disgwid li kellu ma martu u mal-familjari tieghu.

Illi xehdet Sandra Sammut, mart Kevin Sammut, fis-sens illi zewgha ma kienx ghadu aggressiv maghha u lanqas ma uliedha.  Huwa jinsab f'impjieg regolari u jaghtiha manteniment ghaliha, kif ukoll ghal uliedha, u xtraw id-dar fejn joqghodu.  Izda hija qalet ukoll illi zewgha la jiehu droga u lanqas l-alcohol u ma ghadux jiffrekwenta l-kumpanija hazina li kellu qabel.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446, tara illi kien hemm zmien meta Kevin Sammut kiser xi wahda mill-htigijiet tal-ordni tal-probation, skond kif sew irrappurtat l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri.  Izda fid-dawl tal-fatt illi illum il-gurnata Kevin Sammut jidher illi qabad it-triq it-tajba tikkundannah ghal ammenda ta' hamsin lira (LM 50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------